

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-14 ta' Diċembru 2017 – bet365 Group vs EUIPO – Hansen (BET 365)(Kawża T-304/16)⁽¹⁾

(“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea BET 365 — Raġuni assoluta għal rifut — Karattru distintiv miex sub permezz tal-żu — Prova — Użu tat-trade mark għal diversi finijiet — Artikolu 7(3) u Artikolu 52(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li saru l-Artikolu 7(3) u l-Artikolu 59(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001]*”)

(2018/C 052/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: bet365 Group Limited (Stoke-on-Trent, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. Malynicz, QC, R. Black u J. Bickle, solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Hanne, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralni: Robert Hansen (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Pütz-Poulalion, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-21 ta' Marzu 2016 (Każ R 3243/2014-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn R. Hansen u bet365 Group

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), tal-21 ta' Marzu 2016 (Każ R 3243/2014-5), hija annullata sa fejn din tirrigwarda s-servizzi li jaqgħu fil-klassi 41 elenkti fir-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea BET 365.*
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Kull parti għandha tbat i-l-ispejjeż rispettivi tagħha.

⁽¹⁾ ġU C 296, 16.8.2016.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-14 ta' Diċembru 2017 – PB vs Il-Kummissjoni(Kawża T-609/16)⁽¹⁾

(*Servizz pubbliku — Ufficijali — Reklutaġġ — Avviż ta’ kompetizzjoni EPSO/AD/309/15 (AD 11) — Tobba għas-sit ta’ Lussemburgo — Rifut ta’ ammissjoni għall-eżamijiet taċ-ċentru ta’ evalwazzjoni — Limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa għal numru ristrett ta’ lingwi uffiċjali tal-Unjoni — Eċċeżżjoni ta’ illegalità — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Responsabbiltà — Dannu morali*)

(2018/C 052/37)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: PB (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara u L. Radu Bouyon, aġġenti)